# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 537

Il-Ġimgħa, 15 ta' Ottubru, 2021

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fl-10a.m. ta' filgħodu.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Alvin Grech – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

George Refalo – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Pjazza Orvieto, Ta' Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **21563666** *Fax:* **21563888**
*e-mail:* **kercem.lc@gov.mt**

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-laqgħa.

## 537.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

537.1.1 Il-Laqgħa bdiet fl-għaxra(10a.m.) ta' filgħodu.Intqalgħet it-talba tal-bidu. Wara d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija mibgħuta mingħand is-Sur Frankie Attard u s-Sinjorina Abigail Micallef u l-Membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji rispettivi.

## 537.2 Ħatra ta' Uffiċjali tal-Kommunità - Steward

537.2.1 Is-Sindku ta merħba lill-Membri preżenti filwaqt li rringrazzjahom talli attendew għal din il-Laqgħa b'urġenza li kellha tinżamm f'dan il-ħin partikulari tal-ġurnata.

537.2.2 Is-Sindku filwaqt li għamel aċċenn għall-intervisti li kienu nżammu fl-Ħamis, 13 ta' Ottubru, 2021, stieden lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jaġġorna lill-Kunsill dwar din il-ħatra.

537.2.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv filwaqt fisser il-proċess kollu li wassal għal din il-ħatra, qara r-Rapport tal-Bord tal-Bord tal-Għażla għall-benefiċċju tal-Membri preżenti fejn kien qiegħed jiġi rakkomandat li l-persuna detentriċi tan-Numru tal-Identità 42384G għandha tinħatar Uffiċjali tal-Komunità-Steward tal-Kunsill Lokali ta' Kerċem.

537.2.4 Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla filwaqt li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li r-riżultat ser ikun qiegħed jiġi ppubblikat fuq in-*notice board* tal-Kunsill Lokali kif ukoll il-persuna rakkomandata kienet ser tintbagħtilha ittra fejn tingħata sa mhux aktar minn erbgħa u għoxrin(24) siegħa sabiex tinforma lill-Kunsill bl-aċċettazzjoni jew mod ieħor tar-riżultat.

537.2.5 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-Kunsill li sakemm ma jkunx hemm xi żviluppi mod ieħor, il-Kunsill kien ser jipproċedi bl-għażla kif rakkomandat.

537.2.6 Is-Sindku f'isem il-Membri tal-Kunsill irringrazzja lill-Membri tal-Bord tal-Għażla lis-Sur Marcel Tabone, lis-Sur Noel Formosa u lis-Sur Max Xuereb u lis-Sur Oliver Farrugia li dawn tal-aħħar aċċettaw li jserrvu fil-Bord minkejja li kienu nfurmati jagħmlu dan ftit tal-ġranet qabel, kif ukoll awgura li dan l-uffiċjal jiġi ngaġġat fil-ġranet li ġejjin sabiex jibda l-ħidma tiegħu minnufih.

## 537.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

537.3.1 Il-laqgħa ntemmet fl-10.47a.m. ta' filgħodu u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa, 5 ta' Novembru 2021 fil-5pm.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Mario Azzopardi<br>Sindku | George Refalo<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |